MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1828/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Apap, sija bil-polza polza u sija bil-ligi, u l-istess Joseph Apap**

**Vs**

**John u Deborah mizzewgin Bugeja bhala kuraturi ta' binhom minuri Clayton Bugeja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 t'Ottubru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi is-somma ta' mitejn wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm271.25), jew somma ohra verjuri, li l-Onorabbli Tribunal joghgbu jakkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, liema somma tirrapprezenta danni sofferti mill-atturi fl-incident

awtomobilistiku tal-25 ta' Settembru 2003, fi Triq Sir William Reid, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAD 881 misjqua minn Joseph Apap u proprieta` tal-istess, u r-rota misjuqa mill-minuri Clayton Bugeja.

Il-konvenuti nomine, ghalkemm interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2004, baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2004 ipprezentata kontra l-konvenuti nomine, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti nomine, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti nomine iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti nomine gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm271.25), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2004 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti nomine skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------